*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 30**

**It-Tlieta 19 ta' Ottubru 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

30.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji. Huwa qal illi l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli bagħat messaġġ fuq ic-*chat* li għandhom bejn il-Kunsilliera u talbu sabiex jibgħat imejl uffiċjali

30.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 28 li saret Nhar il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021:***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm żball f'paġna 3 fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar u għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Is-Sindku staqsa jekk il-wave breaker u t-transport bil-baħar issemmewx.*

Il-Kunsillier is-Sur is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

30.2.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 29 li saret Nhar il-Ħamis 9 ta' Ottubru 2021:***

Il-Kunsillier is-Sur is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 3 favur, 0 kontra u 2 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

30.2.3 **Matters arising:**

**Laqgħa 28 li saret Nhar il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021:**

30.2.4 Is-Sindku staqsa fuq paġna Nru 3 paragrafu 28.2.4 rigward id-dawl ta' Ġnien David Vella fejn qal li appik li jitlesta u fadallhom iġibu xi ftit ċagħaq. Kompla jgħid li din il-ġimgħa kien hemm xi abbuż fuq dan iċ-ċagaqħ minn xi tfal u qed jaraw jistgħux jgħattu iċ-ċagħaq b'xi xibka. Huwa kompla jispjega illi kien hemm problema fuq id-dawl għaliex ma setax isir minħabba li kien hemm xi ħaddiema bil-covid pero` il-kuntrattur ser jgħamel dawl temporanju u kif jiġu l-*parts* neċċessarji ser jsiru kif suppost. Huwa kompla jgħid li suppost għandhom jiġu l-ġimgħa d-dieħla.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li kien hemm xi *misunderstanding* bejn is-supplier tad-dawl u l-kuntrattur u għaldaqstant ser jsiru *reflectors* temporanji.

30.2.5 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 28.2.10 fejn spjega li kienet saret laqgħa mas-Sur Ivan Pierre Vella kif ukoll mas-Sur Kevin Zahra fuq il-mozzjoni li kien għadda il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, fejn ma setgħax jkun preżenti minħabba raġunijiet ta xogħol, fejn qal li ma laqgħux il-proposta tagħna għax ma kienetx vijabli, kif ukoll qal li ż-Żonqor titla ukoll il-bus 124. Huwa qal illi ma qablux li l-bus ma tgħaddiex minn Triq San Ġwakkin. Huwa kompla jispjega illi ġie propost sabiex minflokk il-bus no 92 titla iż-Żonqor u l-bus no 124 tgħaddi minn Bellavista jinħoloq *circulation van* kull nofs siegħa fejn jiġbor in-nies miż-Żonqor u l-Bellavista u tniżżilhom il-venda u ser jikkunsidraw il-proposta tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li importanti li l-vann jagħti s-servizz kif suppost u mhux jkun hemm nies li jitilfu l-vann u ma jispiċċawx mingħajr servizz, għandha taħdem.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-vann hux ser jkun tal-Malta Public Transport u mhux daqqa jiġi u daqq le. Hija kompliet tgħid li importanti li jkun hemm servizz kontinwu.

Is-Sindku weġibiha li iva. Huwa qal ukoll li talab li jkun hemm il-bus żgħira bħal ma jkun hemm il-belt u qalulhu li ser jikkunsidrawha ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk għalissa hux ser jibqa kollox kif inhu.

Is-Sindku qal li għalissa ser jibqa kollox kif inhu sakemm naraw jekk jilqgħux il-proposta tagħna.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud u l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar daħlu għal laqgħa fis-6.15pm***

30.2.6 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk sarietx il-laqgħa fuq paġna 17 rigward il-parkeġġ tal-iskola ta Triq il-Lampuka.

Is-Sindku qal illi l-laqgħa għada ma sarietx pero` intbgħatet il-komunikazzjoni.

30.2.7 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 pargarafu 28.2.11 fejn qal illi peress li huma impossibbli illi 4 kenniesa jikinsu skond is-*schedule,* instabgħet soluzzjoi mal-customer care li kull ilment li jidħol jittekiljawh mill-ewwel. Huwa qal li jisher li ħadmet ħafna. Huwa talab biex kull ilment li jkollom l-Kunsilliera jibgħatuh fuq ic-chat tal-Kunsilliera sabiex huwa jinforma lil kuntrattur immedjatament.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li jekk jitqasmu aħjar jkun jistgħu jgħamlu xogħol aħjar għaliex ġab eżempju illi l-ġurnata ta qabel kien hemm tlett kenniesa fi Triq Sant'Anna.

Il-Kunsillier is-Sur john B.Camilleri staqsa jekk hux ser jikinsu biss fejn jkollom l-ilmenti.

Is-Sindku qal li huma xorta ser jimxu skond l-iskeda pero` fejn hemm toroq li huma imniżla li jinkishu darbtejn f'ġimgħa din ma tistax issir.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kien hemm minn qallu li Triq Nigel Dennis ilha ma tinkines tlett xhur.

Is-Sindku qal li ma jistax jkun li ilha tlett xhur.

30.2.8 Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu 28.3.1 fejn qal din hija attivita` li qed tikkordina fuqha il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon, fejn anke tkellmu fuq il-paġna ta' bejn il-Kunsilliera illi ser jinkrew 15 il-stall u ser issir fuq il-promenade ħdejn il-monument tad-Douzelage.

Il-Viċi Sindku qalet illi għandha tiltaqa mal-persuna mingħand minn ser jinkrew l-istalls ħalli jaraw kif ser jqasumhom anke minħabba l-lqugħ għar-riħ.

Is-Sindku qal illi rigward il-fondi tad-dawl mingħand il-Wasteserv li kellna nirċievu tas-sena l-oħra li jammontaw għal €6000 ikkonfermaw li ser jatuwomlna. Huwa kompla jgħid li kelmu fuq ta' din is-sena iżda kien ċar li qed jimminimizzaw ix-xogħol fil-watseserv għaliex qed jaħdmu biex il-*waste* jibda jopera fil-Magħtab u minflokk jsir parkeġġ u xi uffiċini. Huwa kompla jispjega illi skart mhux ser jibqa jidħol fil-wasterserv iktar il-quddiem, iżda ha jibqa biss il-ħġieġ u kif ser jkollhu iktar informazzjoni ser jgħaddija lil Kunsilliera.

30.2.9 Is-Sindku tkellem fuq paġna 10 paragrafu 28.7.7 fuq is-*solidarity fun run* u ser issir laqgħa il-Birġu fejn qal li qed jaħdmu fuqha flimkien mal-Viċi Sindku u ser jibdew jqasmu il-flokkijiet fil-*customer care* u mhux ser joħorġu riċevuta iżda il-flokk ser jkun l-irċevuta fih innifsu flimkien mal-formola li ser jimlew. Huwa qal li s'issa ma nafux kif ser ngħaddu l-flus miġbura lill-kumitat organizzativ fl-uffiċċju tal-President.

30.2.10 Is-Sindku tkellem fuq paġna 11 paragrafu 28.7.8 fejn qali li mingħajr diżrispett lejn it-tribunal ma jaqbiliex mad-deċiżjoni l ħa li jinħafru ċitazzjonijiet għaliex in-nies għax sabu l-iskip mimlija tal-bring in sites u iddisponu mal-art dawn ġew maħfura iċ-ċitazzjonijiet. Huwa ġab eżempju fejn jekk persuna ma ssibx fejn jipparkja mhux ser tinħafirlu ċitazjoni għaliex jipparkja kantuniera jew fuq id-*double yellow lines*. Huwa qal li b'din id-deċiżjoni qed jingħatu lok għal abbużi. Huwa qal li l-iktar li qed jkunu mimlija huma tal-plastik u tal-karta għaliex meta titbattal sa filgħaxija qed tkun mimlija. Huwa qal li n-nies mhux qed jikkoperaw għaliex aħna noffru servizz ta darbtejn fil-ġimgħa li jinġabar minn quddiem id-djar tagħhom, kif ukoll qed jimtlew bil-kaxxi tal-ħwienet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tribunal huwa konxju tal-kuntratt illi l-Kunsilli Lokali għandu mal-Green Mt fejn fil-kuntratt hemm li l-iskips jridu jitnadfu tlett darbiet fil-ġimgħa mentri dawn qed jitnadfu darba fil-ġimgħa. Huwa kompla jispjega illi d-deċiżjoni li ittieħed mit-tribunal kienet ibbażata fuq il-fatt illi jekk il-Kunsill mhux qed jbattal l-iskips hekk kif jistipola il-kuntratt allura ma jistgħux jiġu immultati in-nies.

Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri qal li n-nies qed jikkoperaw.

Is-Sindku qal illi l-messaġġ li qed joħroġ mid-deċiżjoni tat-tribunal hija li jekk in-nies ser jibqgħu jarmu barra mill-kontenituri mhux ser jiġu immultati.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hu ma jaqbiliex li in-nies jarmu l-iskart mal-art.

30.2.11 Is-Sindku tkellem fuq paġna 12 paragrafu 28.7.11 fuq il-ġemellaġġ li qed jsir maċ-Ċina, fejn ċemplulu ħafna nies li urew l-interess. Huwa kompla jispjega illi qed niffinilazzaw l-applikazzjoni tagħna sabiex nibgħatuha lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali.

30.2.12 Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri staqsa fuq paġna 4 paragrafu 28.2.9 fuq il-każ tal-*fishfarm* fejn saħaq illi huwa importatni li jsiru *follow ups*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-imejl tiegħu kien ċar fuq ir-risposta li bgħatu huma li kienet ġenerika. Huwa qal illi l-*follow ups* qed jsiru.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilelri ġab eżempju ieħor fuq il-binja tal-Munxar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*customer care* kienu qed jistennew il-coordinates li min-naħa tal-customer care intbagħtu.

Il-Kusnill qabel li nerġu nibgħatu reminder.

30.2.13 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 ir-raba paragrafu fejn talab li jkollna lista tax-xogħolijiet li l-ħaddiema tal-*Community Workers* huma designati li jgħamlu.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lid-*District Operations* jgħaddulna d-*designation* tgħahom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li minn mindu ġie designat li Ġnien Sant'Anna jieħu ħsiebu wieħed mill-ħaddiema tal-*community workers* qal li Ġnien Sant'Anna qed jinkines regolarament.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li qed jkun hemm skart li jiflowtja fl-ilma u jekk nistgħux jkollna żewġ ħaddiema jiġbru dan l-iskart.

Is-Sindku qal li dak huwa xogħol tal-Cleansing u kemm nirrapurtaw għaliex jaqduna mill-ewwel. Huwa qal li dawn il-ħaddiema qed jgħamlu ħafna xogħol tajjeb.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk is-*sea bin* hux qed jaħdem.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li mhux qed jaħdem pero` qal li s-sitwazzjoni li qed jitkellem fuqha huwa mhux ser tissolva bis-*sea bin*.

Is-Sindku qal li meta jkun hemm ir-riħ jiġabar kollu f'area waħda. Huwa qal li għandha inkelmu l-Kumpanija Żiebel.

30.2.14 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 7 paragrafu 28.3.1 il-parti li titkellem fuq id-dawl tal-Milied, fejn kienn hemm kuntrattur li kien kelmu f'Ġunju li għadda, iżda wara l-aħħar laqgħa reġa kelmu pero` infurmah li diġa kien ħa impenji oħra.

Is-Sindku qal li filkas nerġu nitkelmu ma' minn għamlilna id-dawl is-sena l-oħra. Huwa qal li jkollna €6000 mil-Wasteserv u €5000 mil-MTA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm possibilita li din is-sena mhux ser jkolna l-*funding* min-naħa tal-Wasteserv.

Is-Sindku qal li min-naħa tal-Wasteserv qalulna li ser jgħadduha bord u mhux li qalulna li mhux ser jkolna funding.

Is-Segretarju Eżkuttiv qal li din is-sena nġibu tlett kwotazzjoni biex narmaw aħna fejn nistgħu ngħamlu Triq Sant'Anna, Pjazza Dun Tarcis, Triq Sant'Antnin, Triq ix-Xatt fejn ma nistgħux naqbżu iktar mid-*direct order* tal-Kunsill li hija €5000 eskluż il-VAT, peress li qedin tard fiż-żmien. Huwa kompla jispjega li anke jekk ikun hemm *funding* min-naħa ta entita`, l-Kunsill la ħa joħroġ il-kwotazzjoni huwa ma jistax jaqbeż is-somma ta €5000 eskluż il-VAT. Huwa kompla jispjega li umbgħad inkelmu lill-MTA sabiex jgħamlu l-biċċa mil-Waterline sal-Kunsill għaliex dik tiġi tiswa madwar €3000.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-istess kuntratt li ser jiġi ingaġġat mill-Kunsill jarma il-*Christmas Tree* ukoll li tkun inkluża fil-prezz.

Is-Sindku qal li l-Għaqda tal-Armar tissuplixxi l-arbli fejn il-kuntrattur għandhom jtijhom kumpenss.

30.2.15 Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri staqsa fuq paġna 14 paragrafu 28.7.12 jekk kienx hemm xi żblokk fuq is-sitwazzjoni tal-iskart mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellna ittra mid-Dipartiment tal-Kunsill fejn qalulna sabiex ma nħalsuħx. Huwa kompla jispjega illi wasalna fil-proċess sabiex nerġu noħroġu t-talba ta' interess għaż-żewġ kumpaniji li jeżistu fuq il-ġbir tal-iskart riċiklatt.

Is-Sindku qal li l-kolletturi tgħana kienu jiġbru tal-madwar tal-*bring in sites* qabel ma ġew installati l-*cameras*.

Is-Sindku qal li l-latrina ġejjin l-*automated toilet* kif hemm il-Belt u jidher li qed jaħdem. Huwa kompla jgħd li ser jsiru ukoll f'Marsaskala.

Is-Sindku qal li l-*litter bins* ser jkunu ukoll *smart bins* u dawn jaħdu bis-solar system fejn din ser tgħati messaġġ meta l-*bins* tkun kważi mimlija sabiex titbattal. Huwa kompla jspjega lill ser ikun hemm ħaddiema mad-Diviżjoni ta-tidnif li kif ikollhom sinjal imorru u jnadfu.

30.2.16 Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri tkellem fuq paġna 16 paragrafu 28.9.3 fejn qal li prova jkellem lil *Smart Light Systems* iżda ma jistax jaqbdu u ilhu minn Awwissu jiprova jaqbdu peress li ta' San Tumas mhux jaħdmu, filkas jkollna insibu lil xi ħadd ieħor għal manutenzjoni u għal-*crash barriers* ta' Triq Wied iz-Ziju.

Huwa qal li *infrastructure Malta* istallat minnhom f'lokalitajiet oħra forsi nkunu nistgħu nkelmu lilhom sabiex jgħatuni il-kuntatti tagħhom.

Il-Kunsill qabel li nkellmu lis-Sur Michael Cohen u lis-Sur Laurence Darmanin.

30.3 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

30.3.1 **Ittra mingħand reisdent Periklu Triq il-Ġemmugħa ma Triq Sant'Antnin (35/3237/21/I):**

Is-Sindku qal li dan ir-resident qed jitlob li issir junction box fi Triq Sant'Antnin quddiem Triq il-Ġemmugħa għaliex hemm hekk tiġi salib it-toroq u qeda perikoluża ħafna.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li hu kien għadda mozzjoni propju fuq dik l-area speċjalment minn ikun ħa jikser minn Triq Sant'Antnin għal ġo Triq l-Iskal qed jsibu il-karozzi ma wiċċhom u viċe versa meta jkun neżlin minn Triq il-Gemugħa għal ġo Triq Sant'Atnin jsibu il-karozzi jiksru għal ġo Triq l-Iskal. Huwa kompla jgħid illi s-Sindku kien qallu li hemmek kienet ġejja roundabout. Huwa qal li fil-mozzjoni kien talab biex Triq l-Iskal issir *one way*.

Id-diskussjoni tkompliet sabiex Triq l-Iskal issir *one way* pero` mhux vijabli għaliex minn ikun irrid jidħol għal Triq l-Iskal hemm dawra twilha ħafna.

Il-Kunsill qabel illi nitolbu lil Tmalta sabiex jgħidulna x'inhi l-aħjar proposta biex jonqos il-periklu u ma tkunx t' inkonvenjet għar-residenti.

**30.3.2** **Xogħol ħazin minn Tmalta Triq San Gwakkin:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ġibed l-atenzjoni illi l-ispralli ta Triq San Gwakkin għadhom qed jħabtu.

Is-Sindku qal li kellem lil-Perit Noel Gauci ta' *Infrastructure Malta* għaliex diġa bidluhom tlett darbiet l-ispralli.

Il-Kunsill qabel li niktbu lil *Infrastructure Malta* lil Perit Noel Gauci u s-Sur Fredrick Azzopardi

**30.3.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem ukoll fuq l-*isleeping police* ta' Triq San Gwakkin li saret ukoll minn *Infrastructure Malta* għax qed l-isfel ħafna u għandha tiġi iktar il-fuq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-tip ta road hump issir ġol *parking areas* u mhux fit-toroq.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lit- *Infrastructure Malta* sabiex titella iktar il-fuq u trid tiġi iktar wiesgħa u itwal.

**30.3.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem ukoll fuq ħajt li kissru *Infrastructure Malta* meta kienu qed jgħamlu t-triq u għaldaqstant għandu jiġi irrenġat mill-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel li niktbu lil *Infrastructure Malta* lil Perit Noel Gauci u is-Sur Fredrick Azzopardi.

30.3.3 **<u>Marsaskala Local Council Website (35/3155/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-website tal-Kunsill ma għadiex obligatorja għax il-Gvern Ċentali ħoloq website u l-obbligu tal-Kunsill huwa li jipposta kollox fuq il-website tal-Gvern Lokali. Huwa kompla jispjega illi peress li l-website tal-Kunsill kienet ġiet iħħekjata, ser jitkelem mal-Kunsillier Dr. Patrcik Camilleri dwar dan. Huwa qal li kemm issir link fil-website tal-Kunsill biex jiġu redirected għal-website tal-Gvern Ċentrali.

- *Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri daħal għal laqgħa fis-7.30pm.*

30.3.4 **<u>SPI.SCI.7.2021 Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' proġetti Infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern (35/3136/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija skema fuq proġetti li kienu sar mill-Gvern Ċentrali li hemm bżonn li jsir issir manutenzjoi fuqhom.

Il-Kunsill qal li peress li ix-xogħol li sar kien riċentament ma għandux għalfejn issir manutenzjoni fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilelri qal li Infastructure Malta għamlu żewġ toroq waħda kif toħroġ minn Triq il-Vjola kif iddur lejn l-istatwa ta San Spiridju u triq oħra bejn Triq ir-Ridott u Triq il-Qaliet għax għamluhom bla dawl, u staqsa jekk tista din l-iskema tiġi appliakta għalija.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-iskema ma tapplikax għalija.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Enemalta sabiex jsir id-dawl f'dawn it-toroq.

Il-Kunsill qabel li ma napplikawx għal din l-iskema.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta issir triq minn Infrastructure Malta dawn jkunu responsabli mill-manutenzjoni għalija għal ħames snin.

Is-Sindku qal li għandna bzonn risposta mingħand Infrastructue Malta fuq il-problemi li għandna fil-lokali u t-tiswijiet li għandhom bżonn jgħamlu.

30.3.5 **<u>Kurduna mkissra Triq tal-Gardiel.</u>**

Il-Viċi Sindku qalet li meta saret Triq tal-Gardiel kieu kissru il-bankina tac-*central strip* u qed jmutu il-palm għaliex għandu bżonn tiġi irrenġata u tiżdied il-ħamrija.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-Infrastructure Malta lis-Sur Noel Gauci u s-Sur Fredrick Azzopardi sabiex jirranġawa.

30.3.6 **<u>Minuti mal-Friends ta' Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Friends of Marsaskala tawna l-*invoice* ta kemm swijom id-defribilator.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li id-defribilatur jimmarka jekk għandux bżonn service jew le u qed jimmoniterjah. Huwa kompla jgħid li għandhom bżonn li anke jikru s-sala tal-iskola għal *functions* tagħhom.

Is-Sindku qal li jridu jiftehmu mal-iskola u jħalsu l-*overtime* tal-purtinar.

30.3.7 **Post ta' allokazzjoni għal e scooter (35/2847/21/O):**

Il-Kunsill qabel illi l-allokazzjoni għal e scooters isiru ħdejn it-Torri San Tumas, Ġnien Antoine Randich fejn it-torri hemm daħla, u ħdejn il-banka tal-lottu Pjazza Dun Tarċis Agius. Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri għandu jimmarka s-site plan.

30.3.8 **Car Charging Points (35/3031/21/I):**

Il-Kunsill qabel li din id-deċiżjoni tittieħed iktar il-quddiem.

30.3.9 **Ikla tal-Milied.**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi l-ikla tal-Milied issir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru 2022 u ser jinġiebu tlett kwotazzjonijiet.

30.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**:

Ma kienx hemm.

30.5 **Quarterly Report 3rd Quarter (July to September):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-*quarterly report*. Huwa kompla jispjega illi jinvolvi ukoll il-*finishings* tal-Kunsill li ser jiswa iktar mill-ewwel fażi. Huwa qal li hemm problema li qed jinqgħalu kull ġimgħa li qed jiġu diskussi kull ġimgħa fil-progress meeting li qed jsir. Huwa qal li jaf ikun hemm ġimgħa li l-Kunsill ma jistax jiffunzjoni biex nitilqu mill-post eżisteni għal post il-ġdid u nkunu fully functional.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm ċans ukoll qabel Diċembru ma nistgħux nibdew indaħlu l-affarijiet minħabba li hemm dewmien fl-aperturi u sal-15 ta' Diċembru irridu noħorġu mill-post preżenti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li ġieli ma jkunx hemm ħaddiema u anke ġieli jkun hemm ħaddiem wieħed biss u xogħol wieħed jrid jistenna lil ieħor. Huwa qal li l-klinik qeda lura ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġbidnilhom l-attenzjoni illi żebgħu barra fuq l-imaxxarab u dan jirriżulta f'moffa il-quddiem.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur għandu sal-1 ta' Diċembru biex tlesti ix-xogħol pero` il-*compliance* ma jistax jsir qabel ma jkun hemm l-aperturi mgħaluqa u sal- 15 ta' Diċembru irridu noħorġu mill-premises li għandna u ma hemmx lok li nestendu iż-żmien. Huwa qal li għal *compliance* hemm bżonn mill-inqas xahar.

Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri qal sabiex napplikaw għal *temporary supply*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li xorta bit-*temporary supply* ma nistgħux naħdmu mill-Kunsill il-ġdid għaliex ma jkolniex servizz tad-drenaġġ u ilma.

Il-Kusnillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li jekk hemm bżonn imorru ġo post temporanju jew naħdmu mid-dar jekk hemm bżonn jgħalaq il-Kunsill għal żmien ma hemm alteranttiva oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jistgħu jsiru twieqi temporanji sabiex nkomlu imexxu bix-xogħol u nkunu nistgħu napplikaw għal *compliance* imma l-kuntrattur ma jridx joħroġ l-ispejjeż għat-twieqi temporanji

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-quarterly report 3rd quarter u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

30.6 **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma Kienx hemm items oħra.

30.7 **<u>Korrispondenza:</u>**

30.7.1 **<u>Local Council Performance Report for year 2020 (35/2739/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm persuna imqabda mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jgħamel rendikont fuq kull Kunsill Lokali fejn jidħol skart, indafa u l-manutenzjoni tat-toroq. Huwa qal li bħala *average* imqabla ma' Malta u Għawdex kollha morna aħjar mill-average.

30.7.2 **<u>Parking (35/2993/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta din il-komunikazzjoi bħala *general knowledge* għaliex ikun hemm ċirkostanza fejn fi triq waħda jkun hemm iktar minn parkeġġi riservati għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Huwa qara il-komunikat illi TMalta infurmawna li ma hemmx limitu kemm ikun hemm parkeġġi riservati fi triq waħda.

Is-Sindku qal li issa qed jerġu jgħatuhom permess ukoll għal *reserved parking* personalizzatt. Huwa kompla jgħid illi aħna żgur mhux ser nindaħlu fuq id-deċiżjoni li jkun ħareġ il-bord mediku.

30.8 **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-invoices li daħlu b'urġenza.

1) Mr Anthony Camilleri – repairs on council van li tammonta għal €220.00
2) Ms Annalsie Farrugia- public convenience 13/9/21 to 12/10/21 inv 21.1 li tamonta ghal €1781.27

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

30.9 **<u>Mozzjonijiet</u>**

30.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier Dr. Errol Cutajar (#078-15/10/21):</u>**

*"Jipproponi li l-Kunsill kemm jistgħa jkun malajr u mingħajr ħela ta' zmien jagħmel dak kollu possibli mall-Awtorita' tal-ippjanar sabiex tieħu passi għal bini li tiela bla permess fil-Munxar. Dan tkellmu l-Kunsilliera kollha dwaru izda ma ittieħdet ebda azzjoni minkejja li għamilna rapporti.''*

Is-Sindku qal li diġa bgħatnilhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri qal li kienu talbunha il-*coordinates* iżda bqajna bla risposta.

Il-Kunsill qabel li nibgħatu reminder.

30.9.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#079-15/10/21):</u>**

*"Jipproponi li jieqaf l-abbuz mil-kiosk tal-fajtata għaliex anke wara li l-Kunsill ħa pozizzjoni ċara xorta wahda baqa jopera mill-kiosk u saħansitra baqgħu jinħarġu l-imwejjed u siġġijiet minkejja li ma kellux permessi neċessarji. Għalhekk jitlob li jkun infurmat xagħmel il-Kunsill sa issa u l-Kunsill għandu jieħu azzjoni billi jibgħat lid-Dipartiment tal-artijiet, l-awtorita tal-ippjanar u kull entita li suppost tħares lil min iwettaq dan l-abbuż.''*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien iddeċieda li ma jibqax joħroġ permessi tal-imwejjed u siġġijiet u hemm kien sar f'seduta preżedenti.

Is-Sindku qal li aħna ma aħniex l-entita li ngħatu il-permessi iżda hu wal li kien għadda komunikat f'seduta preżendenti li dan l-invidiwu kien tah enchorcment.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-aħar nibgħatu lil Lands u l-PA sabiex sabiex jekk dan l-operatur hux qed jopera kollox skond il-permessi.

Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu lil Lands u l-PA jekk għandux permessi neċessarji biex jibqa jopera minhemmek.

30.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud (#080-18/10/21):</u>**

*"Jipproponi sabiex jinbena boundary wall mal-għalqa ta' wara l-bus terminus propjeta ta' Fino. Din qed tkun abbużata minn skart u żiebel min-nies responsabbli. Il-propjetarju ta' din l-art ġie mitkellem diversi drabi biex inaddafha u jdawwara bi 8 filati ħajt hekk kif titlob il-liġi. Jekk mhux ħajt tiddawwar b'chicken wire. Nemmen li jekk is-sid jibqa jinjorana bħala Kunsill il-pass li jmiss għandu jkun Sanita` u Awtorita` tal-Ippjanar.''*

Il-Viċi Sindku qalet li qed issib xi nies biex jnadfuha. Hija qalet li stajna ngħidu lil PA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li lil PA infurmajnihom.

Is-Sindku talab lil-Kunsillier Dr Errol Cutajar sabiex jkellem lis-sid il-propjeta` peress li jafu biex inwaħlu il-kannen chicken ire ħalli ma jsirux abbużi u ma ngħalqux il-veduti lir-residenti ta' Triq tal-Buttar.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar aċċetta li jkelmu mhux uffiċjali.

30.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-10.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 19 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| ______________ | _______________ |
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| ***Segretarju Ezekuttiv*** | ***Sindku*** |